32006R0227

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 227/2006

tad-9 ta' Frar 2006

dwar il-klasifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmijin fl-Anness għal dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata, totalment jew parzjalment, fuq in-Nomenklatura Magħquda jew li żżid magħha kwalunkwe suddiviżjoni addizzjonali u li hija stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-ħsieb li jiġu applikati miżuri tariffarji u miżuri oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2, minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna 3.

(4) Huwa xieraq li jkun stiplulat li tagħrif tariffarju vinkolanti maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li huwa marbut mal-klassifikazzjoni tal-oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhuwiex skont dan ir-Regolament jista', għal perjodu ta' tliet xhur, ikompli jkun invokat mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2175/2005 (ĠU L 347, 30.12.2005, p. 9).

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju[2].

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2.

Artikolu 2

Tagħrif tariffarju vinkolanti maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhuwiex skont dan ir-Regolament, jista' jkompli jkun invokat għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Frar 2006.

Għall-Kummissjoni
László KOVÁCS
Membru tal-Kummissjoni

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 648/2005/KE (ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13).

ANNESS

Id-deskrizzjoni tal-oġġetti	Il-klassifikażżjoni (Il-kodiċi NM)	Ir-raġunijiet
1. Prodott li jikkonsisti minn (% bil-piż): Sukrożju 99,05 Aċidu ċitriku 0,95	17019990	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata permezz tad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet NM 1701, 170199, 17019990. Il-prodott ma jistax jitqies bħala zokkor mhux raffinat skont it-tifsira tan-Nota Addizzjonali 1 għall-Kapitolu 17 tan-NM. Il-prodott irid jiġi kklassifikat bħala zokkor ieħor fis-sottointestatura tan-NM 17019990.
2. Prodott li jikkonsisti minn (% bil-piż): Sukrożju 99,5 Aċidu ċitriku 0,5	17019990	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata permezz tad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet NM 1701, 170199, 17019990. Il-prodott ma jistax jitqies bħala zokkor abjad skont it-tifsira tan-Nota Addizzjonali 3 għall-Kapitolu 17 tan-NM. Il-prodott irid jiġi kklassifikat bħala zokkor ieħor fis-sottointestatura tan-NM 17019990.
3. Prodott li jikkonsisti minn (% bil-piż): Sukrożju 99,5 Aċidu ċitriku 0,4 Aċidu askorbiku 0,1	17019990	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata permezz tad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet NM 1701, 170199, 17019990. Il-prodott ma jistax jitqies bħala zokkor abjad skont it-tifsira tan-Nota Addizzjonali 3 għall-Kapitolu 17 tan-NM. Il-prodott irid jiġi kklassifikat bħala zokkor ieħor fis-sottointestatura tan-NM 17019990.
4. Prodott li jikkonsisti minn (% bil-piż): Sukrożju 99,7	17019990	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata permezz tad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet NM 1701, 170199, 17019990.

Aċidu ċitriku 0,2 Aċidu askorbiku 0,1		Il-prodott ma jistax jitqies bħala zokkor abjad skont it-tifsira tan-Nota Addizzjonali 3 għall-Kapitolu 17 tan-NM. Il-prodott irid jiġi kklassifikat bħala zokkor ieħor fis-sottointestatura tan-NM 17019990.
5. Preparazzjoni li tikkonsisti minn (% bil-piż): Sukrożju 90 Butir tal-kawkaw 10 Din il-preparazzjoni tikkonsisti fi trab oħxon ta' lewn ċar imżewwaq bl-isfar, ħelu ħafna u b' togħma ta' butir tal-kakaw.	21069098	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata permezz tad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet NM 2106, 210690 u 21069098. Il-preparazzjoni tal-ikel hija xierqa għall-konsum mill-bniedem u hija ppreżentata fil-forma ta' trab idellek (HSEN għall-intestatura 2106, element (B)).
6. Preparazzjoni li tikkonsisti minn (% bil-piż): Sukrożju 95 Butir tal-kawkaw 5 Din il-preparazzjoni tikkonsisti minn kristalli bojod, ħelwin u jdellku b' togħma ħafifa ta' kakaw.	21069098	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata permezz tad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet NM 2106, 210690 u 21069098. Il-preparazzjoni tal-ikel hija xierqa għall-konsum mill-bniedem u hija ppreżentata fil-forma ta' kristalli li jdellku (HSEN għall-intestatura 2106, element (B)).
7. Prodott li jikkonsisti minn (% bil-piż): Sukrożju 97,5 Butir tal-kawkaw 2,5 Dan il-prodott jikkonsisti minn trab kristallin abjad u ħelu li jixbaħ zokkor kummerċjali abjad.	17019990	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata permezz tad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet NM 1701, 170199, 17019990. Il-prodott ma jistax jitqies bħala zokkor mhux raffinat skont it-tifsira tan-Nota Addizzjonali 1 għall-Kapitolu 17 tan-NM. Il-prodott irid jiġi kklassifikat bħala zokkor ieħor fis-sottointestatura tan-NM 17019990 billi l-kwantità tal-butir tal-kakaw mhijiex suffiċjenti biex timmodifika l-karatteristiċi

		taz-zokkor.
8. Prodott li jikkonsisti minn (% bil-piż): Sukrożju 97,7 Klorur tas-sodju 2,3 Il-prodott huwa ppreżentat f'forma ta' trab kristallin, ħelu b' togħma mielħa ħafifa. Jikkonsisti prinċipalment minn kristalli tas-sukrożju bi kristalli sporadiċi ħafna u jingħarfu tal-klorur tas-sodju fil-forma ta' kaxxa.	17019990	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata permezz tad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet NM 1701, 170199, 17019990. Il-prodott huwa taħlita ta' sukrożju f' forma ta' kristall u klorur tas-sodju. Dan ma jistax jitqies bħala zokkor mhux raffinat skont it-tifsira tan-Nota Addizzjonali 1 għall-Kapitolu 17 tan-NM. Il-prodott irid jiġi kklassifikat bħala zokkor ieħor fis-sottointestatura tan-NM 17019990. Il-preżenza ta' kwantità żgħira (madwar 2.3% bil-piż) ta' klorur tas-sodju, ma tbiddilx il-karatteristiċi tal-prodott bħala zokkor tal-Kapitolu 17 tan-NM.
9. Preparazzjoni li tikkonsisti minn (% bil-piż): Zokkor abjad 90 Dqiq tal-qamħ 10	21069098	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata permezz tad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet NM 2106, 210690, 21069098. Din il-preparazzjoni tal-ikel hija xierqa għall-konsum mill-bniedem u għandha tiġi kklassifikata fis-subintestatura 21069098.
10. Prodott li jikkonsisti minn (% bil-piż): Sukrożju 95 Lattożju 5	17019990	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata permezz tad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet NM 1701, 170199, 17019990. Il-prodott irid jiġi kklassifikat bħala zokkor ieħor fis-sottointestatura tan-NM 17019990 billi l-kontenut tal-lattożju tal-kakaw ma jbiddilx il-karatteristiċi tal-prodott bħala zokkor tal-Kapitolu 17 tan-NM.
11. Prodott li jikkonsisti minn (% bil-piż): Zokkor abjad 97 Estratt tal-likwirizja 3	17019100	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata permezz tad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet NM 1701, 170199, 17019990. Il-prodott irid jiġi kklassifikat bħala zokkor

Il-prodott huwa fil-forma granulari u huwa ppakkjat sabiex jinbiegħ bl-imnut.		bit-togħma fis-sottointestatura 17019100 (HSEN għall-Kapitolu 17, Ġenerali, l-ewwel paragrafu, it-tieni sentenza u għall-intestatura 1701, il-ħames paragrafu). Il-preżenza ta' kwantità żgħira ta' estratt tal-likwirizja ma tbiddilx il-karatteristiċi tal-prodott bħala zokkor tal-Kapitolu 17 tan-NM.